**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**
*AD 1920*

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**_IL-ĠIFEN TORK_ TA' ĠAN ANTON VASSALLO:**
**BEJN IL-VERITÀ STORIKA U VERITÀ POETIKA**

**Taħdita pubblika ta' Liam Gauci**
**Is-Santwarju tal-Mellieħa**
**nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar 2018, fis-6.30 p.m.**

L-epika tal-Ġifen Tork ta' Ġan Anton Vassallo kienet ġrajja li seħħet tabilħaqq. Kienet ġrajja unika u qanqlet lill-ewwel poeta kbir Malti jsensel l-ewwel epika tal-letteratura Maltija.

Il-fatti li uża kienu korretti imma kien hemm lok fejn niseġ u sawwar storja patrijottika għal żmienu. Il-ġrajja vera kienet mimlija kuraġġ u ċarċir ta' demm flimkien ma' wegħda lis-Santwarju tal-Mellieħa. Iżda fl-istess ġrajja nsibu azzarini tad-deheb, nisa tax-xogħol, ambaxxaturi maqtula u kursar li abbord kien iġib ruħu ħażin ħafna.

---

Liam Gauci hu l-kuratur tal-Mużew Marittimu ta' Malta u ilu f'din il-kariga għal dawn l-aħħar għaxar snin. Dan l-aħħar ippubblika l-ewwel ktieb tiegħu: *In the name of the Prince – Maltese Corsairs 1760-1798*. L-interess tiegħu fl-istorja marittima ta' Malta jkopri speċjalment il-kursara Maltin tas-seklu 18 u dak bikri tas-seklu 19.

It-taħdita hija bla ħlas u miftuħa għall-pubbliku. Min jixtieq jattendi għandu jibgħat email fl-indirizz elettroniku: info@akkademjatalmalti.org

---

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi
29.01.2018